MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru. 886/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Muscat ta’ 38 sena bin Alfred u Rita nee’ Azzopardi, mwieled Msida nhar l-24 ta’ Settembru, 1968 u residenti f’ ‘Margaret Flats’, Flat numru 1, Triq San Alwigi, Imsida u detentur tal-karta tal-identita’ numru 390768(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Amicos Pastizzeria, sitwata fi Triq in-Naxxar, Birkirkara u f’bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta’ Settembru, 2005 ghall-habta tas-6.30pm u fix-xhur/snin ta’ qabel b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-

istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bi hsieb li jestorci flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil Emanuel Sammut jew persuna ohra, u dan ai termini tal-artikolu 250 (1) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta, (ii) liema theddid wasal fil-hsieb tieghu bil-ksur tal-artikolu 250 (2) (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli nhar il-20 ta' Settembru, 2005 ghall-habta tas-6.30 pm minn gewwa 'Amicos Pastizzeria' sitwat fi Triq in-Naxxar, Birkirkara u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' madwar LM 600, ghad-dannu ta' Emanuel Sammut u terzi persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat, bil-valur u dan ai termini tal-artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta' dagha u dan ai terminu tal-artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u hedded, b'mod li johrog mill-limiti tal-provokazzjoni lill-Emanuel Sammut u dan ai termini tal-artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin (tilar), jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra Emanuel Sammut u dan ai termini tal-Artikolu 339 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Emanuel

Sammut, liema feriti huma ta’ natura hafifa u dan ai termini tal-artikoli 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Gewwa ‘Qui Si Sana’, Sliema u f’ inhawi ohra f’dawn il-gzejjer nhar it-18 ta’ Settembru, 2005 ghal habta tal-04.00 PM u fil-gimghat ta’ qabel;

1. Uza xi infrastruttura jew apparat ta’ telekomunikazzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew billi ghamel lill-Emanuel Sammut, ingurji u theddid mhux imsemmijin band’ohra f’dan il-Kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan ai termini tat-‘Telecommunications Act XXXIII of 1997 – 34d’.

Sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Emanuel Sammut u torbot l-imputat Joseph Muscat b’dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ Ottubru, 2005 (esebit *a folio* 10 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta’ Ottubru, 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet odjerni gew addebitati lill-imputat wara li fl-20 ta Settembru 2005 l-Pulizija rceviet rapport minghand certu Emanuel Sammut (okkorrenza relattiva inserita a fol. 35 sa 38 tal-process) fejn dan kien allega li ghall-habta tal-5.30pm l-imputat kien mar fl-Amigos Pastizzeria li tinsab f'Naxxar Road, B'Kara (din il-pastizzeria kienet gestita mill-imsemmi Sammut) fejn l-imputat heddu u talbu s-somma ta Lm1,000 u qallu li jekk ma kienx ser jaghtih dawn il-flus kien ser jirrapurtah li kien jitraffika d-droga. Huwa rrapporta wkoll li l-imputat kien hebb ghalih u kien ikkagunalu griehi ta' natura hafifa u nforma lil Pulizija li huwa kien beza' mill-imputat u harab jigri mill-hanut u mar l-Ghassa jaghmel ir-rapport u qal li meta mar lura l-hanut fejn kien halla lil impjegat tieghu li jismu Ian kien sab pouch li kellu s-somma ta Lm600 f'kontanti nieqes.

Dan Emanuel Sammut xehed fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tal-1 ta' Frar 2007 fejn huwa qal li fid-data msemmija, u cioe' fl-20 ta' Settembru 2005, ghall-habta tas-7.00pm l-imputat kien dahal fil-hanut tieghu u qallu 'jew tisma' bil-kelma t-tajba jew bil-hazina u mbaghad telaq il-barrra'. Wara madwar hames minuti l-imputat rega' dahal fil-hanut, waddab tank taz-zibel u dahal ghall-glied. Sammut xehed li l-imputat qabad tilar tal-pizelli u garah fid-direzzjoni tieghu u laqtu f'mohhu u mbaghad beda' jxejjer bil-ponn u l-istess ghamel Sammut sabiex jiddefendi lilu nnifsu. Sammut spjega li meta l-imputat qallu l-kliem jew tisma bil-kelma t-tajba jew bil-hazina kien qed jirreferi ghall-flus li ried minghandu. Huwa spjega li xi zmien qabel l-imputat kien baghtlu messagg fejn talbu jaghtih Lm1,000 izda Sammut sostna li huwa qatt ma kellu jaghti flus lill-imputat u qal li ma kienx jaf ghalfejn l-istess imputat kien qed jitolbu l-flus. Sammut xehed ukoll li huwa telaq jigri mill-hanut ghaliex beza' mill-imputat ghaliex dan semma l-kelma sikkina u huwa ghalhekk mar l-Ghassa jaghmel rapport. Sammut qal li fil-hanut kien

hemm diversi skieken li huwa kien juza fil-mestjier tieghu izda qal li fl-ebda hin ma ra lill-imputat jaqbad xi sikkina. Sammut qal ukoll li fil-hanut kellu pouch b'madwar Lm600 kontanti u meta rritorna lura l-hanut sab il-pouch nieqes u sab il-cash register imkisser. Huwa izda qal ukoll li fl-ebda hin waqt il-glieda ma ra l-imsemmi pouch tal-flus jintmiss. Emanuel Sammut xehed ukoll li madwar xahar u nofs qabel dan l-incident huwa kien qieghed fi swimming resort f'Tas-Sliema flimkien mal-familja tieghu fejn kien mar l-imputat u huma kienu tkellmu u peress li sid il-post haseb li huma kienu qed jitlewmu baghat ghall-Pulizija izda meta dawn tal-ahhar marru fuq il-post is-sitwazzjoni kienet ikkalmat u l-imputat kien telaq minn fuq il-post u ghalhekk il-Pulizija wkoll telqu. Sid il-post kien staqsa lil Sammut ghalfejn ma kienx tkellem mal-Pulizija u nfurmahom x'gara u ghalhekk Sammut jghid li huwa kien mar l-Ghassa ta' Tas-Sliema u ghamel rapport li l-imputat kien qed jheddu ghaliex ried Lm1,000 minghandu u qalilhom li kien ircieva diversi telefonati minghand l-imputat f'dan is-sens. Emanuel Sammut xehed li meta l-imputat talbu jaghtih Lm1,000 huwa qatt ma ndikalu r-raguni 'il ghala kienu dovuti jew ghalfejn kellu jaghtih dawn il-flus. Huwa qal inoltre li l-imputat qatt ma qallu li jekk ma jaghtihx il-flus kien ser jaghmillu xi haga u qatt ma qallu kliem fis-sens li jekk ma jaghtihx il-flus kien ser jikxfu mal-Pulizija. Emanuel Sammut inoltre qal li ma kellux aktar interess fil-kaz u li ma kellux aktar pendenzi mal-imputat.

L-imputat kien irrilaxxja stqarrija fit-30 ta' Settembru 2005 (inserita a fol. 20 sa 22 tal-process) fejn huwa qal li lil Emanuel Sammut kien qallu biss sabiex ma jcapsux bid-droga u sabiex ma jaghmillux hsara. Huwa kkonferma li fl-20 ta' Settembru 2005 kien mar fl-Amigos Pastizzeria fejn kien hemm l-imputat u impjegat tieghu li jismu Ian izda dan tal-ahhar telaq jigri l-barra. Huwa qal li huma tlewmu bejniethom u Sammut waddablu tilar tal-pastizzi u huwa waddablu iehor lura u Sammut imbagad telaq jigri l-barra u waqt li kien hiereg l-imputat jghid li huwa waddablu l-cash register u mbaghad telaq jigri warajh izda wara ftit ma kompliex isegwih. Huwa cahad li kien ha l-pouch bil-flus mill-hanut ta' Sammut u ghazel li ma jwegibx ghad-domanda jekk kienx talab lil Sammut is-somma ta'

Lm1,000 u li kien heddu li jekk ma kienx ser jaghtih dan l-ammont kien ser jikxfu dwar id-droga.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni qed tistrieh esklussivament fuq ix-xhieda ta' Emanuel Sammut. Iz-zewg imputazzjonijiet principali mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huma dik ta' rikatt, u cioe' ir-reat kontemplat fl-Artikolu 250(1) u (2) kif ukoll l-imputazzjoni ta' serq aggravat bil-valur. Il-Qorti jidrilha li ebda wahda minn dawn l-imputazzjonijiet ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. In kwantu jirrigwarda ir-reat ta' rikatt l-Artikolu 250(1) u (2) jghid is-segwenti:-

(1) Kull min, bil-hsieb li jestorci flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi , tiddistruggi , tqalleb, jew tbiddel tes tment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, ihedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tmintax-il xahar.

(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-hati jasal fil-hsieb
tieghu, huwa jehel il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa tliet (3) snin.

Mix-xhieda ta' Emanuel Sammut minn imkien ma jirrizulta li l-imputat heddu li kien ser jaghmillu xi haga jekk ma jaghtihx il-flus jew li kien ser jirrapurtah lil Pulizija dwar xi haga. Sammut fil-fatt qal b'mod specifiku u irrepeta ghal aktar minn darba li l-imputat kien talbu l-flus izda qatt ma ndikalu r-raguni 'il ghala ried dawn il-flus jew altrimenti qallu li kien ser jikxfu mal-Pulizija dwar xi haga. It-talba ghall-flus fiha nnifisha ma tammontax ghal rikatt ghaliex sabiex jissussisti r-reat in dizamina irid ikun hemm xi forma ta' theddida li l-persuna li tkun qed titlob il-flus ser taghmel xi haga bhal kwerela jew malafama fil-konfronti tal-persuna mhedda, liema theddida bl-ebda mod ma tirrizulta mix-xhieda ta' Emanuel Sammut. Anzi huwa eskluda li l-imputat kien qallu xi haga f'dan is-sens.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni ta’ serq ikkwalifikat bil-valur Sammut qal biss li huwa kellu pouch bil-flus fil-hanut li sab nieqes meta huwa rritorna lura lejn il-hanut wara li mar jaghmel rapport l-Ghassa izda huwa qal ukoll li waqt il-glieda fl-ebda hin ma ra l-pouch jintmiss. Il-Qorti jidrilha li din ma tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien ha dan il-pouch anki ghaliex fil-hanut jidher li kien hemm impjegat tal-imputat li baqa’ wahdu fil-hanut wara l-glieda li nqalghet bejn Sammut u l-imputat. Irid inoltre jigi rilevat li din il-persuna qatt ma ttelghat tixhed fil-proceduri odjerni.

Fil-fehma tal-Qorti l-unika mputazzjoni li tirrizulta pruvata fil-konfronti tal-imputat hija dik ta’ ksur ta’ buon ordni u paci pubblika. Din l-akkuza tirrizulta kemm mix-xhieda ta’ Emanuel Sammut kif ukoll mill-istqarrija tal-istess imputat.

Kif intqal aktar ‘il fuq il-parti civili Emanuel Sammut iddikjara li huwa ma kellux aktar interess fil-kaz odjern u ghalhekk huwa kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti sejra ghalhekk tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet immarkati bhala 4, 5 u 6.

In kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat l-ebda wahda minnhom ma tirrizulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ghaliex mix-xhieda ta’ Emanuel Sammut minn imkien ma jirrizulta li l-imputat qal xi kliem oxxen. Inoltre l-akkuza ta’ uzu improprju ta’ mezz ta’ telekomunikazzjoni bl-ebda mod ma tirrizulta pruvata ghaliex kull ma jirrizulta mix-xhieda ta’ Sammut huwa li l-imputat kien qed jibghatlu il-messaggi jew icempillu sabiex jitolbu l-flus u anki kieku rrizulta xi forma ta’ theddid dan mhux l-uzu improprju li jikkontempla l-Artikolu 35(1)(d) tal-Att Dwar it-Telekomunikazzjoni.

In vista tal-fatt li l-imputat qed jinstab hati biss ta kontravenzjoni l-akkuza ta’ recidiva ma tistghax tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi stante r-rinunzja tal-parti civili, l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-

akkuzi mmarkati bhala erba'(4), hamsa(5) u sitta(6) u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi. Wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza mmarkata bhala tnejn(2) u tikkundannah ammenda ta' sitta u hamsin Ewro (€56). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------